# ATTIVITAJIET

## BUFFET BREAKFAST
## F'SAN ANTONIO HOTEL, IL-QAWRA



Il-Ħamis 6 ta' Settembru 2018 u ieħor
Il-Ħamis 1 ta' Novembru 2018

9.15 Quddiesa animata
10.15Buffet Breakfast
11.15Tombola

Prezz: €12.00 (Trasport jiġi provdut għal min jeħtieġ għall-prezz ta' €5.00)
Biex tirriserva post ċempel l-uffiċċju
fuq 21413664 - jew lil Charles Decelis | fuq 21575351 / 99885078

**QUDDIES GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

Noffri quddies b'suffraġju għar-ruħ / għall-erwieħ ta':

............................................................................

............................................................................

Qiegħed nibgħat donazzjoni ta' € ........ permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-MISSION FUND għall-bżonnijiet tal-missjunarji.

ISEM: ............................................................................

INDIRIZZ: ............................................................................

............................................ KODIĊI POSTALI: .................... TEL: ....................

Il-Quddiesa li se tiġi ċċelebrata waqt il-buffet breakfast tal-1 ta' Novembru 2018 se tkun b'suffraġju għal dawn l-erwieħ kollha.

**NOTA: Jiena, hawn taħt iffirmat, nagħti l-kunsens tiegħi biex il-Mission Fund tibqa' żżomm id-dettalji personali tiegħi li jidhru hawn fuq sabiex inkun nista' nirċievi in-newsletter, il-magazine, il-kalendarju u l-pubblikazzjonijiet kollha tal-Mission Fund. Grazzi.**

............................................

Firma






# IL-MISSJUNARJU

**NEWSPAPER POST** | Ħarġa Nru: 122 | Settembru – Novembru 2018


# *Flimkien maż-Żgħażagħ inwasslu l-Evanġelju lil kulħadd*

## *(Siltiet mill-messaġġ tal- Papa Franġisku għall-Jum il-Missjoni)*

Kull raġel u mara huma missjoni, u għalhekk jinsabu hawn fl-art. Il-qalb, l-aktar f'età żagħżugħa, tħoss żewġ tqanqiliet: tħossha *attirata* u tħossha *mibgħuta*. Inħossu fina l-qawwa tal-imħabba li twegħedna futur u timbuttana 'l quddiem fil-ħajja. Ħadd daqs iż-żgħażagħ ma jħoss dik il-qawwa tal-ħajja li tinfed u tattira. Meta naħseb f'żgħożiti u fil-familja tiegħi niftakar kemm kienet qawwija t-tama f'ġejjieni aħjar. Kull wieħed minna hu msejjaħ biex jirrifletti fuq din ir-realtà: "Jien *missjoni* fuq din l-art, u għalhekk ninsab f'din id-dinja".

Ġesù Kristu, li miet u rxoxta għalina, joffri lilu nnifsu lil-libertà tagħna u jipprovokaha biex tfittex, tiskopri u tħabbar dan is-sens veru tal-ħajja fil-milja tagħha. Għeżież żgħażagħ tibżgħux minn Kristu u mill-Knisja tiegħu! Fihom issibu t-teżor li jimla l-ħajja bil-ferħ. Qed ngħidilkom dan b'esperjenza: huwa grazzi għall-fidi li jien sibt il-bażi soda tal-ħolm tiegħi u l-qawwa biex inwettaq dan il-ħolm. Rajt ħafna tbatija u ħafna faqar jisfiguraw il-wiċċ ta' bosta minn ħutna l-bnedmin. B'danakollu, meta tibqa' ma' Ġesù, il-ħażen iqanqlek biex tħobb dejjem aktar. Ħafna rġiel u nisa, ħafna żgħażagħ taw lilhom infushom b'ġenerożità – xi drabi anki sal-martirju – għall-imħabba tal-Evanġelju, fil-qadi ta' ħuthom il-bnedmin. Mis-salib ta' Ġesù nitgħallmu l-loġika divina li twassalna biex noffru lilna nfusna bħala ħabbara tal-Evanġelju għall-ħajja tad-dinja. Meta nitkebbsu bl-imħabba għal Kristu, nikkunsmaw lilna nfusna f'dan in-nar, u dan ikabbarna, jdawwalna u jsaħħan lil qlubna. Nistedinkom għall-iskola tal-qaddisin li jiftħulna orizzonti kbar li jwasslu għand Alla, u f'kull ċirkustanza staqsu lilkom infuskom: "X'kien jagħmel Kristu kieku kien minfloki?" Ħadd m'għandu jaħseb li m'għandu xejn x'jagħti jew li m'għandu bżonn ħadd. Kun af li ħafna nies għandhom bżonnok. Kull wieħed għandu jgħid f'qalbu: "ħafna nies għandhom bżonni".

Għeżież żgħażagħ, fix-xahar tal-missjoni ser ikollna okkażjoni oħra biex insiru dixxipli missjunarji dejjem aktar imħeġġa bl-imħabba għal Ġesù u għall-missjoni tiegħu sa truf l-artijiet kollha. Nitlob lil Marija Sultana tal-Appostli, lil San Franġisk Saverju, lil Santa Teresa tal-Bambin Ġesù u lill-Beatu Paolo Manna biex jidħlu għalina lkoll u biex jakkumpanjawna dejjem.

***FRANĠISKU***


**MISSION FUND**: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,
Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
*Ħinijiet tal-ftuħ*: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. - 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664
**E-mail**: info@missionfund.org.mt
**Website**: www.missionfund.org.mt
**Facebook**: https://www.facebook.com/global.net.mt/
**Reg No: VO/0015**

# Proġetti Fl-Isptar Ta' Makiungu

## *Sr Maria Borda MMM*

L-isptar ta' Makiungu huwa mmexxi mill-Medical Missionaries of Mary. Din hija kongregazzjoni Irlandiża li twaqqfet fl-1937 minn Mother Mary Martin. Fl-ewwel gwerra dinjija, hija kienet voluntiera bħala infermiera li kienet tgħin biex iddewwi s-suldati feruti. Fl-1920 fuq talba tal-isqof, Mother Martin telqet mill-Irlanda u marret in-Niġerja fejn hemmhekk sabet ħafna ommijiet li kienu qed imutu waqt it-tqala. Peress li waħidha ma setgħet tagħmel xejn, hija marret lura l-Irlanda u ħajjret tfajliet oħra biex isiru nfermiera u jmorru jaħdmu fin-Niġerja.

Fl-1954 is-sorijiet tal-kongregazzjoni tagħna bdew il-ħidma tagħhom fl-isptar ta' Makiungu li bil-mod il-mod kiber. Fil-fatt illum fl-isptar għandna sezzjoni tal-maternità kif ukoll swali tal-kirurġija u tal-mediċina għat-tfal, għall-irġiel u għan-nisa u għat-trabi. Barra minn hekk aħna noffru l-kura wkoll lill-pazjenti bit-tuberkulożi u l-HIV. Għandna wkoll is-sala tal-operazzjonijiet. B'kollox aħna qiegħdin 8 sorijiet li naħdmu fl-isptar, li tnejn minna huma gajnekoloġisti.



**Sptar ta' Makiungu**

Jien ili naħdem fl-isptar ta' Makiungu fit-Tanżanija sa mill-1984 u għal dawn l-aħħar 14-il sena kont risponsabbli għat-tmexxija ta' dan l-isptar. Din il-kariga kienet ta' impenn kbir għalija. Però il-Mission Fund kienet ta' sostenn kbir peress li bil-fondi li provdew saru numru ta' proġetti fosthom bini ta' hostel biex toffri akkomodazzjoni għat-tobba u l-paramediċi li jagħtu servizz f'dan l-isptar, bini ta' estensjoni tas-sala tal-maternità u bini ta' staff house. Dawn il-proġetti għollew ħafna l-prestiġju tal-isptar.

Kien fl-2009 meta smajt l-ewwel darba bil-proġetti siewja li jagħmlu l-voluntiera tal-Mission Fund. Dik is-sena, il-voluntiera tal-Mission Fund kienu marru fi Mwanza, post ieħor fit-Tanżanija li huwa xi 8 siegħat il-bogħod minn Makiungu, u hemmhekk kienu bnew skola fuq talba ta' Sr Domenica Ciliberti. Jiena kont mort hemmhekk u rajt ix-xogħol li sar u ltqajt ma' dawn il-voluntiera u xi membri tal-kumitat. Din kienet l-ewwel togħma tiegħi tal-Mission Fund. Ftit żmien wara jiena kont iddiskutejt ma' sħabi s-sorijiet li jaħdmu fl-isptar ta' Makiungu dwar xi proġett li nistgħu nagħmlu peress li jien m'għandix esperjenza fil-bini. Barra minn hekk jiena kont impenjata ħafna fit-tmexxija tal-isptar. Fl-aħħar iddeċidejna li nitolbu lill-Mission Fund biex jibnulna hostel biex jakkomodaw t-tobba u l-paramediċi li jiġu jaħdmu fl-isptar. Din it-talba ntlaqgħet mill-Mission Fund u l-ħolma saret realtà fl-2010. It-tobba kollha li jiġu f'din il-hostel jibqgħu mmeraviljati b'din l-opra li saret mill-voluntiera tal-Mission Fund. Din solvitilna l-problema li kien ikollna kull meta kienu jiġu l-viżitaturi. Din il-hostel hija maqsuma f'żewġ blokok, waħda tintuża għall-uffiċjali permanenti u l-oħra għal dawk li jiġu għal żjarat qosra.

> ***Din it-talba ntlaqgħet mill-Mission Fund u l-ħolma saret realtà fl-2010.***



**Hostel għat-tobba u l-paramediċi**





> ***Bħal li kieku dan ma kienx biżżejjed, il-Mission Fund wettqu proġett ieħor fl-2015.***

Din kienet għalija l-ewwel esperjenza ta' xi jsarrfu l-voluntiera tal-Mission Fund. Bis-saħħa tagħhom, sħabi s-sorijiet saru jafu iżjed dwar Malta avolja jien ġieli kont nurihom xi mappa ta' Malta u kont nipprova nfhemhom fejn qiegħda Malta.

Dan il-proġett fetaħ triq għal proġetti oħra. L-ewwel ħaġa li saret kien l-impjant tal-biogas. Dan l-impjant jittrasforma d-drenaġġ f'gass li jintuża biex il-viżitaturi tal-pazjenti tal-isptar ikunu jistgħu jsajru l-ikel flok ma jintuża l-ħatab li jagħmel ħafna ħsara lill-ambjent. Dan l-impjant konna bdejnieh aħna imma ma kellniex biżżejjed fondi biex inlestuh. Għal darb'oħra l-Mission Fund uriet il-ġenerożità tagħha u lestiet dan l-impjant.

Fl-2011 il-Mission Fund daħlet għal proġett ieħor. Fis-sala tal-maternità kellna problema ta' nuqqas ta' sodod u l-ommijiet li kienu waslu biex iwelldu kien ikollhom joqogħdu 2 jew 3 fl-istess sodda. Uħud minnhom kienu joqogħdu anke mal-art. Għalhekk il-voluntiera tal-Mission Fund bnew estensjoni ta' din is-sala biex b'hekk seta' jiżdied in-numru ta' sodod. Kull sena jkollna madwar 4,000 ommijiet li jiġu biex iwelldu li l-biċċa l-kbira minnhom kellhom xi problema waqt it-tqala. U għalhekk dawn jiġu fl-isptar minn żmien qabel.

Proġett ieħor li sar fl-2011 kien il-bini ta' impjant għall-ġenerazzjoni tal-ossiġenu. Dan sar mill-kumpanija Tektraco b'kollaborazzjoni mal-Mission Fund. Dan l-impjant huwa l-uniku li jeżisti fit-Tanżanija. B'hekk għandna sistema ta' pajpijiet li jissupplixxu l-ossiġenu f'kull sodda tal-isptar. Għalhekk iffrankajna l-iskomdu li konna mmorru nixtru ċilindri tal-ossiġenu minn Arusha, vjaġġ ta' tlett sigħat bil-karozza. Dan kien importanti wkoll biex insalvaw il-ħajja tat-trabi li jitwieldu qabel iż-żmien u li jkollhom bżonn urġenti tal-ossiġenu.

Bħal li kieku dan ma kienx biżżejjed, il-Mission Fund wettqu proġett ieħor fl-2015 meta l-voluntiera reġgħu ġew biex jgħinu fil-bini ta' *staff house* f'dan l-isptar. Jiena, f'isem sħabi s-sorijiet kollha, nixtieq nuri l-apprezzament tagħna għall-għajnuna kbira li rċevejna mill-Mission Fund. Għalhekk inħeġġiġkom biex tkomplu turu l-ġenerożità kbira tagħkom lejn il-Mission Fund ħalli jkompli jsir aktar ġid b'risq il-missjunarji kollha Maltin u Għawdxin. Il-Mulej ipattilkom għal mitt darba.



**Staff House**



**Voluntiera tal-Mission Fund**